# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 26

Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

ASSENTI B'APOLOĠIJA:

George Camilleri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

26.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 26.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

26.2.1 Is-Sindku ħabbar li ġie infurmat li miet il-President tal-Ġemelaġġ ta' Colle Umberto s-Sur Angelo Altoe u- ippropona li nibgħatu bukkett fjuri l-Italja min naħa tagħna bħala Kunsill u tal-Assoċjazzjoni tal-Ġemelaġġ tagħna. Il-Kunsill qabel li noħorġu €50.00 min naħa tal-Kunsill u €50.00 tal-Assoċjazzjoni tagħna, is-Sindku semma li ser jikkuntatja lill-persuna minn Colle Umberto sabiex tieħu ħsieb tagħmel dan imbgħad inħallusha. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.2 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex nhar il-5 ta' Awissu nfakkru l-vittmi tal-Gwerra f' San Lawrenz u issuġerixxa wkoll li nordnaw kuruna tal-fjuri. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.3 Is-Sindku qal li dan is-sajf, il-Kunsill ser ikollu żewġ studenti jgħinu fl-uffiċini li ser jaħdmu bi skema tal-Jobplus bla spejjeż lill-Kunsill. Waħda mill-istudenti ser tgħin lill-Kunsill kif ukoll l-għaqda tal-Folk group peress li kien l-istess group li applika għaliha. Dawn l-istudenti ser ikunu qed jaħdmu fuq proġett ta' digital archiving. Is-Sindku qal ukoll li hu flimkien mas-SE waslu fi qbil, li jinxtara laptop ieħor biex jintuża wkoll għall-dan l-iskop u anke għall-office assistant tal-Kunsill kemm il-darba ikolla bżonn laptop sabiex tgħin lill-Assistent Prinċipal fix-xogħol tal-uffiċċju. Kunsill qabel unanimament.

26.2.4 Is-Sindku issuġerixxa li tinħasel il-pjazza għas-sajf. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jqabbad lill -football club u jingħataw is-somma ta €649.00.

26.2.5 Is-Sindku qal li peress li fil-prima messa ta' Fr. Andew Grima l-pjazza m'hux se tintuża minħabba l-pandemija, bħala Kunsill għandna inħallsu r-risk assessment bħala kontribut. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.6 Is-Sindku qal li hu issuġerixxa mal-Kumitat tad-Dwejra, sabiex id-Dwejra tkun iktar organizzata, jibda jintuża l-parking li hemm fuq in-naħħa tax-xellug int u nieżel id-Dwejra. Barra minnhekk talab lill-Kunsill sabiex nipproponu aħna sistema aktar prattika ta' parking u traffic managment fil-bajja tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament u għandna nqabbdu lil-Perit tal-Kunsill jagħmel pjanta sabiex ngħaddu l-proposta lill-Kumitat tad-Dwejra.

26.2.7 Is-Sindku ippropona sabiex fil-playing field Nicholas Monsarrat, issir open air library simili bħal dik tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.8 Is-SE qalet li Victor Formosa informha li hu se jaħdem bħala kuntrattur tal-*handyman* sal-aħħar ta' Ottubru 2021. Is-Sindku qal li filwaqt li jifhem din it-talba, żgur li Vitor ser iħalli vojt kbir għaliex dejjem għamel xogħolu bl-aktar mod dilġenti u b'imħabba li ħafna drabi

kienet tmur oltre mill-obbligazzjonijiet tal-kuntratt, għalhekk f'dan id-dawl hu flimkien mal-Kunsill kollu u l-istaff iwassal ir-ringrazzjamenti tiegħu lil Viitor tas-servizz tajjeb u bl-imħabba li dejjem qed dmiru lejn ir-raħal ta' San Lawrenz. Wara diskussjoni sar qbil li jinħareġ tender ieħor, din id-darba jkun maqsum fi tnejn – street sweeping u iehor għall-maintenance.

26.2.9 Is-SE qalet li peress mhux se jkun hemm xi tip ta' skema għall-On demand service streaming tal-laqgħat skont Artiklu 44(1) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363), il-Kunsill għandu jfittex sabiex issir is-sistema. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jiġi installat minnufih.

26.2.10 Is-SE qalet li ħareġ ir-riżultat ta' applikazzjoni ta' Embellishmnt of Urban Squares, fejn tlabna għall-iktar planters u fjuri f'San Lawrenz. L-ammont mogħti mill-iskema hu ta' €31,000. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex noħorġu s-sejħa għall-offerti. Is-Sindku enfasizza li nippruvaw li dan il-proġett jitlesta sal-aħħar ta' Settembru kif miftiehem mad-Dipartiment.

26.2.11 Is-SE qalet li l-kuntrattur Thomas Xerri li inkarigat sabiex jagħmel il-maintenance tal-pjanti li twaħħlu permezz tal-iskema tal-ambjent, qed jirrifjuta li jibdel is-seasonal plants għaliex qal li m'humiex indikati fil-BOQ. Is-SE qalet li fl-agreement hemm miktub li l-kuntrattur għandu jbiddel kull siġra jew pjanta skont l-bżonn tal-Kunsill. Filfatt, fl-agreement għalhekk ġiet mogħtija somma għall-maintenance lill-kuntrattur. Is-Sindku qal li ser jagħmel laqgħa miegħu sabiex jipprova jsolvi l-problema.

26.2.12 Is-SE qalet li fil-ġimgħat li ġejjin ser jiġu studenti mibgħuta mid-DLG sabiex jagħmlu sistema ta' 'Magnet' ikkontrollata mill-Mita. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitqabbdu l-PC's u laptop wieħed fir-reception li jkollu miegħu printer żgħir li jintuża biss għal ma din is-sistema.

26.2.13 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza li d-DLG mhux se jibqa jħallas għas-servizz tal-internet tal-GO li jintuża għall-live streaming. Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ma nħallsux aħna għal dan is-servizz u nipprovaw inqabbdu s-sistema l-ġdida tal-on-demand streaming mal-Magnet tal-Mita.

26.2.14 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mid-DLG li l-applikazzjoni tac-CIES għall-żewġ ħaddiema ġiet aċċettata. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jibda l-proċess tal-għażla mal-Jobplus.

26.2.15 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand xi ħadd anonimu li talab li mill-pjazza ma jgħaddux iktar trakkijiet mill-kbar minħabba sewqan eċċessiv u l-ħsara li qed issir lit-toroq u l-madwar. Wara diskussjoni sar qbil sabiex nitolbu lil individwu kif qed jissuġerrixxi li jkun devjat it-traffic peress li l-aċċess lejn ċertu inħawi f' San Lawrenz hu limitat.

26.2.16 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza bħala reminder mir-Reġjun għall-applikazzjoni tal-Ambjent. Is-Sindku qal li se jaħdem fuq proposta sabiex ngħadduha, huwa ppropona li nibdlu l-fanali tal-Belveder Colle Umberto għal fanali hybrid u downlights, dan sabiex inkun ambjentalment konformi. Il-Kunsill qabel unanimament.

26.2.17 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand il-Maltapost sabiex jiġi amendat il-kuntratt magħhom. Is-SE qalet li l-avukat spjega l-amenda fil-kuntratt fejn bażikament qed jitolbu li huma jkunu l-unika service providers ta' posta fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-amenda fil-kuntratt.

26.2.18 Is-SE qalet li irċivejna rikjesta minn Cast Out clean up group sabiex jaħdmu id f'id mal-Kumitat tat-tindif tagħna sabiex issir clean up. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din ir-rikjesta u sabiex ngħinu fi spejjeż relatati mal-clean up.

## 26.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

26.3.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li fi Triq il-Wileġ hemm parti oħra ta' ħajt li hi perikoluża. Il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat lill-Ministeru għall-għajnuna.

26.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li jixtieq jirraporta fil-pjazza qed ikun hemm ħafna trab minn siti ta' konstruzzjoni. Is-Sindku qal li meta daħal rapporti simili dejjem irraportajna lill-entitatijet konċernati.

26.3.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa fakkar fil-ħofra perikoluża fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Is-SE qalet li sabiex ġew jaraw mill-Ministeru għamlet ġurnata iċċempel, u wara li ġew ingħatat kisja asphalt, pero peress li din it-toqba fonda, reġgħet sfrondat. Is-SE qalet li kompliet iċċempel sabiex isolvu l-problema u imbagħad ġew u għamlu pjanċa tal-ħadid fuq il-ħofra. Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra bl-avukat sabiex jekk iweġġa xi ħadd, bħala Kunsill inkunu avżajna bil-miktub.

26.3.4 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li t-tabelli tad-Dwejra weħlu pero li talab hu baqgħet ma weħlitx. Sar qbil li jekk wara rapport ieħor ma jeħlux, nagħmluhom aħna bħala Kunsill.

26.3.5 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li fi Triq il-Wileġ qed jitpoġġa ħġieġ meta ma jkunx se jinġbara mill-kuntrattur. Sar qbil li teħel sign ta' meta jinġabar kull tip ta' skart.

## 26.4 Tender għall-Ġbir ta' Skart Imħallat;

26.4.1 Is-SE qalet l-Kunsill tal-Għasri u ta' San Lawrenz irċieva korrispondenza mid-Direttur tad-DLG li mhux se jingħataw extensions għat-tender tal-iskart imħallat, kif kien intqal f'laqgħat preċedenti mal-istess entitajiet sabiex fi 2022 jieħu l-management tiegħu r-Reġjun t'Għawdex. B'din il-korrispondenza s-SE qalet l-Kunsilli ġew mitluba joħroġu t-tender immedjatment l-istess kif kien qabel pero bi skadenza tiegħu fi 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 26.5 Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart Riċiklabbli;

26.5.1 Is-SE qalet li irċeviet offerta mill-Green MT għas-sejħa ta' Expression of Interest li ħarġet mill-istess Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma din is-sejħa u sabiex niffirmaw il-kuntratt.

## 26.6 Proposta għall-Fondi ta' Sebbaħ il-Lokal;

26.6.1 Is-Sindku ippropona li għall-Fondi ta' Sebbaħ il-Lokal noħolqu proposta sabiex nagħmlu arloġġ animat fil-Pjazza peress li dan ma jeżitix u anke sabiex ikun ta' attrazzjoni oħra fil-pjazza tal-lokal. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

26.7.1 Ġew approvati unanimament l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 26.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-11:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa, 25 ta' Awissu 2021 fit-08:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv